

# Aħbar Tajba

Prov 9, 1-6
S 33, 2-3.10-15
Ef 5, 15-20
Ġw 6, 51-58

"Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem
**u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum."**

Ġieli kellek ħbieb li ma tifhimhomx? Forsi f'dak li jgħidu jew f'dak li jagħmlu jħalluk bla kliem? X'tagħmel meta jkollok ħbieb bħal dawn? Tibqa' ħbieb magħhom? Titlaqhom? Tibqa' tipprova tifhimhom?

Ġesù kien ftit hekk ukoll! U msieken in-nies ta' żmienu, li kien hemm minnhom jitħawdu meta jisimgħuh jitkellem. Imbagħad kien hemm min kien bla paċenzja u malajr dabbar rasu. Iżda kien hemm ukoll min baqa' jimxi warajh u ma qatax qalbu.

Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù qed jipprova jispjega lil-Lhud li hu ħafna iktar minn dak li ħasbu huma. Ħafna mil-Lhud kienu marru warajh għax ftit qabel kien għamel il-miraklu tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet u kielu ikla babaw. X'ma tmurx wara Ġesù! Però, meta bdew jisimgħuh jitkellem, ma setgħux jifhmuh għax moħħhom kien għadu marbut mal-ikel li kielu. Ma setgħux jifhmu li wara l-mirakli kien hemm xi ħaġa aktar importanti.

Ġralhom bħal meta tmur buffet u tant jogħġbok l-ewwel platt li tieħu second helping minnu. Iżda jekk ma toqgħodx attent malajr tispiċċa timtela mingħajr ma tkun wasalt għall-platt prinċipali, biex ma nsemmux li ma tkunx ħallejt post għad-deżerta!

Ġesù qed jurina li, jekk nagħtuh iċ-ċans, hemm lest għalina ħajja ħafna isbaħ minn din. Għax Ġesù mhux joffrilna miraklu bħal dak tat-tkattir tal-ħobż biss. Ġesù qed joffrilna lilu nniffsu, kollu kemm hu fl-Ewkaristija. Mhux joffrilna ftit ħin jew pjaċir kultant, imma qed joffri li jkun magħna dejjem u jekk inħalluh jagħmel minna persuni aħjar.

Għax jekk l-ikel normali meta tieklu jinbidel u jsir parti minnek, l-ikel li ħallilna Ġesù, bil-mod il-mod jibdel lilna, u jagħmilna aktar bħalu! Fl-ikel tal-ġisem, dak li tiekol huwa propju dak li qed tara quddiemek, però ma' Ġesu differenti għax meta f'idejk ikollok ostja żgħira, fil-verità f'idejk għandek lil Ġesù!

Ovvjament, biex l-Ewkaristija tħalli effett, irridu nagħtuha ċ-ċans. Mhux se ninbidlu mil-lejl għan-nhar. L-affarijiet li jagħmel Alla ħafna drabi jieħdu ż-żmien u dan jagħmlu biex jieħu ħsiebna għax jekk jiġrulna ħafna affarijiet f'daqqa nistgħu ninfixlu. Iżda biex dan iseħħ irridu nagħmlu l-ewwel pass u ma nitilfux opportunità waħda li nirċievu 'l Ġesù.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ĦOBŻ, ĦAJ, ĠISMI, LHUD, TLEWWMU, TASSEW, IKEL, DEMMI, XORB, JGĦIX

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | N | A | Z | A | R | E | T | I | Ġ |
| I | Ġ | E | R | I | K | O | O | L | E |
| O | B | E | T | S | A | J | D | H | R |
| T | L | E | W | W | M | U | I | U | U |
| A | P | P | O | S | T | L | K | D | S |
| S | IE | K | E | T | R | I | A | R | A |
| S | T | R | U | Ġ | W | A | Ħ | A | J |
| E | A | A | R | IE | Q | X | O | R | B |
| W | J | J | IE | K | O | L | B | W | L |
| IE | R | GĦ | A | R | E | F | Ż | IE | E |
| Ħ | Ġ | I | S | M | I | O | IE | Ħ | M |
| E | R | X | A | | K | M | L | E | M |
| D | A | W | L | D | E | M | M | I | N |
| A | D | A | M | Ġ | L | Ġ | E | S | O |



"Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem
**u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum."**

## SAN ĠWANN T'ALLA

Ġwanni Duarte Cidade twieled f'familja fqira l-Portugall fl-1495. Ta' tmien snin spiċċa orfni fi Spanja fejn għadda żmien jaħdem ta' ragħaj, ta' suldat u anki fi stamperija.

Wara żmien twil jgħix ħajja mqallba ikkonverta bl-għajnuna ta' prietka li sema' meta kellu 42 sena. Tant inbidel u beda jagħmel penitenzi li ħasbuh miġnun u qafluh fi sptar mentali! F'dan iż-żmien, tawh parir biex iktar ifittex li juri ħniena ma' ħaddieħor milli jagħmel penitenzi ħorox. Din il-missjoni ħadha bis-serjetà tant li Ġwanni huwa meqjus bħala "l-fundatur tal-isptar modern". Hu fetaħ djar għall-kura ta' kull tip ta' morda u ried li l-kura li tingħata, tiġbor fiha kull opra tal-ħniena.

Kellu mod speċjali kif jitratta lin-nies li kellhom mard mentali. Wieħed isqof kiteb hekk fuqu: "Avolja ma studjax il-mediċina, kien aħjar minn bosta tobba."

Ingħaqdu miegħu diversi tobba u saċerdoti u waqqaf l-Istitut tal-Fate bene frattelli. Isimhom ġej mill-espressjoni li kien iħobb juża: "Agħmlu l-ġid lilkom infuskom billi tagħmlu l-ġid lil ħaddieħor."

F'waħda mill-ittri kiteb: "Tant nies fqar jiġu hawn li kultant jiġini d-dubju kif nista' nieħu ħsiebhom kollha, iżda Ġesù jipprovdi kollox." Baqa' għaddej b'din il-missjoni sa ma miet ta' 55 sena. Illum, l-Ordni li waqqaf tinsab fi 53 pajjiż u tieħdu ħsieb 300 sptar.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.



mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION